TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

(GHAWDEX)

GUDIKATUR DOTTOR KEVIN MOMPALAO LL.D. Atem

Seduta tal-Gimgha 16 ta' Settembru 2016

Avviz Numru 1/2016

**Carmel u Josephine konjugi Spiteri**

**Vs**

**Dr. Joseph Grech li b'digriet tat-8 ta' Jannar 2016 gie nominat kuratur deptat sabiex jirraprezenta lil Thomas u Anne Marie Mellon.**

**It-Tribunal:-**

Ra' l-avviz tat-talba prezentat fl-14 ta' Jannar 2016 li permezz tieghu l-atturi talbu illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elfejn, tlett mija u sebgha u sebghin Ewro (€ 2377) eskluza taxxa tal-VAT rapprezentanti bilanc ta' hlas ghal xoghol ta' kostruzzjoni, bajjad, finishing, u dawl u ilma, kif ukoll spejjes ta' materjal li intuza fl-istess xoghol li gie esegwit fil-fond 'Il-Palazzo, Triq il-Mithna, Qala, Ghawdex' propjeta tal-konvenuti Mellon. Bl-ispejejs inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-30 ta' Lulju 2015 u bl-imghax skond il-ligi.

Ra' r-risposta tal-kuratur deputat tat-3 ta' Marzu 2016 fejn eccepixxa li ma huwiex edott mill-fatti u fejn ghal kull bwon fini ikkontesta t-talba.

Fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2016 l-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni fit-termini ta' l-artikolu 2148 (a).

Ra’ l-atti kollha u d-dokumenti kollha esebiti, kif ukoll in-noti ta’ osservazzjonijiet tal-partijiet.

Sema x-xhieda bil-gurament u ra’ t-traskrizzjonijiet ta’ l-istess xhieda.

Ra’ d-digrieti kollha tieghu nkluz dak tal-15 ta’ Lulju 2016 li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi l-ewwel eccezzjoni li trid tigi trattata hija dik tal-preskrizzjoni stante illi jekk tirnexxi din l-indagni fil-mertu tkun inutli.

Ix-xoghol maghmul minn l-attur jista jitqies bhala wiehed ta’ turnkey. Dan beda mill-bidu sat-tmiem. Ghamel il-bini, il-bejt, tibjid u tikhil finishing, kollu, nkluz id-dawl u l-ilma. Ix-xoghol ta’ l-attur ma huwiex sengha partikolari izda ampjament jikkwalifka bhala appalt.

Kontra t-talba attrici l-konvenuti eccepew l-artikolu 2148 (a) tal-Kap 16.

L-artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili igib l-estinzjoni ta' l-azzjoni b'gheluq ta' tmintax il-xahar fil-kaz ta' "l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara, u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu."

Dak l-artikolu jirreferixxi ghalhekk ghall-krediti ta' artefici li jipprestaw l-opera taghhom u mhux appaltatur ta' l-opra li ghaliha l-materjali jkunu servew. F'dan il-kaz aktar minn opra hemm il-prestazzjoni ta' l-"opus" "minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xoghlijiet u minghajr qies tal-importanza tas-somministrazzjonijiet."

Hemm distinzjoni bejn l-art. 2148(a) tal-Kodici Civili u provvediment iehor tal-ligi in materja ta' preskrizzjoni li mieghu ghandu certa affinita` l-art. 2149(a).

It-Tribunal ma jistax a sua sponte iqajjem eccezzjoni tal-preskrizzjoni (Art 2111, Kodici Civili) u lanqas jista' jikkonsidra ebda preskrizzjoni hlief dik specifikatament eccepita. It-Tribunal ma jistax jikkonsidra jew japplika preskrizzjoni li ma gietx espressament imsemmija, u ma jistax japplika terminu iehor ta’ preskrizzjoni.

Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata presenzjalment ma tistax tigi kkonsiderata stante illi huwa car illi x-xoghol mwettaq minn l-attur jiehu l-forma ta’ kuntratt ta’ appalt. Din l-eccezzjoni qed tigi respinta.

Fil-mertu ftit hemm x’jinghad. It-Tribunal fela sew l-provi mressqa u d-dokumenti presentati u jidirlhu li t-talbiet attrici huma gustifikati u misthoqqa. Ma hemm l-ebda

element ta’ overcharging, jew xi talba ghal hlas doppju. L-anqas gie eccepit li x-xoghol ma sarx sew. It-talbiet attrici gew pruvati ghas-sodisfazzjoni tat-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi dan it-Tribunal qed jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa’ t-talbiet ta’ l-atturi, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jikkundanna l-istess konvenut ghall-hlas ta’ elfejn, tlett mija u sebgha u sebghin Ewro (€2377) flmkien mal-VAT fuqhom kif mitlub fl-avviz tat-talba. Bl-imghax mid-data ta’ dan l-avviz il-quddiem. Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut nomine.

Kevin Mompalao

Gudikatur

Daniel Sacco

D/Registratur